TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2326

Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3033/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Irene Desira

U

Inspire – the Eden and Razzett Foundation

Dwar: allegazzjoni ta' tkeccija ingusta u ta' trattament diskriminatorju

Illum 13 ta' Novembru 2014

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversement kompost, permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta u ta' trattament diskriminatorju. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**PRELIMINARI:**

Ir-rikorrenti kienet receptionist fuq bazi full-time u indefinit mill-Fondazzjoni intimata sal-15 ta' Marzu 2012. L-impjieg taghha gie tterminat allegatament fuq bazi ta' redundancy pero` r-rikorrenti hasset li t-tkeccija taghha mill-impjieg huwa wiehed ingust u illecitu u sar trattament diskriminatorju a bazi tal-eta'. Ghaldaqstant hija talbet lit-Tribunal jisma' u jiddeciedi l-kawza li qed taghmel dwar allegat tkeccija ingusta u t-trattament diskriminatorju.

Il-Fondazzjoni ddikjaraw li r-rikorrenti giet tterminata wara li lahqet l-eta' tal-irtirar u ghalhekk l-intimati mxew skont id-drittijiet taghhom fic-cirkostanzi.

**<u>SINTEZI TAL-PROVI:</u>**

Nathan Farrugia, Chief Executive Officer, ipprezenta affidavit fejn iddikjara li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja b'telf jaqbez l-€200,000 f'dik is-sena, s-Senior Management Team kellu struzzjonijiet mill-Board u minghandu biex inaqqas l-overhead costs u biex ikun izjed efficjenti. Mid-decizjonijiet li ttiehdu, ittiehdet ukoll id-decizjoni li jigi terminat l-impjieg ta' Ms Irene Desira fuq il-bazi li "she had reached pensionable age". Ghaldaqstant taw istruzzjonijiet lil Regine Debono Caruana (Senior Manager) responsabbli mill-HR biex tinforma il Ms Desira b'din id-decizjoni. Hu kien gie infurmat li l-HR infurmat lil Irene Desira bil-miktub li "she was made redundant". Il-kliem tpogga hazin, ghax kellu jigi "employment terminated due to reaching pensionable age". Is-Sur Farrugia qal li dan hu zball klerikali u ma kien qatt l-intenzjoni tal-Inspire.

Antonello Gauci, Chief Operations Officer, permezz ta' affidavit qal li Regine Debono Caruana, l-persuna risponsabbli mill-HR kitbet lil Irene Desira tinfurmaha li l-pozizzjoni taghhha ta' Full-Time Receptionist "had been made redundant". F'dak iz-zmien, Irene Desira kienet l-unika Full-Time Receptionist fil-premises taghhom; Miriam Farrugia (pensjonanta bil-flexible hours) u Nicole Vella kienu part-timers. Minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-organizzazzjoni, numru ta' decizjonijiet kienu mehuda biex innaqssu l-ispejjez u biex insiru izjed efficjenti. Huma skoprew li Regine Debono Caruana kienet harget l-ittra tat-terminazzjoni minhabba li Irene lahqet l-eta rtirar u ma nfurmatx lil Irene Desira b'dan id-dettall. Il-formoli tal-ETC jindikaw li Irene inghatat is-sensja.

Rapprezentant tal-ETC ipprezenta l-Employment History tar-rikorrenti kif ukoll lista tal-impjegati tal-Fondazzjoni u rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali esebixxa l-istorja tal-pensjoni mhallsa lilha. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ipprezenta dokument fejn juri x' two thirds pension kienet qed tiehu Ms Desira mit-2004.

Ir-rikorrenti xehdet li fit-2009 dahlet tahdem mal-Inspire full time u li kienet tahdem maghhom bhala voluntiera mit-2007. Meta bdiet tahdem full time hija kellha erbgha u sittin sena. Hi qalet li avvicinawha d-dirigenti tal-Inspire biex tidhol full-time u taghmel xoghol ta' receptionist u biex tibqa' taghmel ix-xoghol li diga kienet taghmel. Kienet tahdem mit-Tnejn sal-Gingha mit-8am sal-4pm. Baghtet tghidilha

Ms Regine Debono Caruana (l-HR) li ghandha bzonn tkellimha. Kellmuha Regine u Giovanna Mirabile (li kienet ta' fuqha) fl-ufficju tal-HR u qalulha b'dispjacir kbir li jridu jnaqqsu l-ispejjez, li l-pozizzjoni taghha ser tigi redundant u meta saqsiet kif se jigi kkaverjat r-reception qalulha li se jinzlu minn ufficini ohra, minn dipartimenti ohra, biex jaghmlu xogholhom u jikkaverjaw r-reception ukoll. Ir-rikorrenti qalet li kemm l-HR u kemm Giovanna Mirabile qalulha li ser ikollha hafna free time u li jistennewha li tigi tqatta' sieghat bhala voluntiera. Qalulha wkoll biex ma tghid xejn biex ma jqajmux inkwiet fuq il-premises li qed isiru r-redundancies u allura marret id-dar u ma qalet lil had. L-ghada filghodu Giovanna Mirabile qaltilha li t-30 siegha taghha se ttihom lil Ms Rizzo u li l-10 sieghat l-ohra jitqassmu ghand nies ohra. Kif semghet hekk qaltilhom li allura mhux ghax giet redundant il-pozizzjoni la s-sieghat ser jaghtuhom lil haddiehor u hemmhekk qajmu l-kwistjoni tal-pensjoni. Ir-rikorrenti qalet li waqt li kienet l-inspire hi kienet tiehu pensjoni shiha u hi kienet diga bil-pensjoni meta giet impjegata. Ir-rikorrenti qalet ukoll li fuq l-ETC Form iddikjarawha redundant.

**SINTEZI TAT-TRATTAZZJONI:**

Dr. Borg Cardona ghall-Fondazzjoni qal li ghal dawk li huma fatti ma tantx hemm divergenza bejn il-partijiet. Hu qal li d-difiza mressqa mill-klijenti tieghu hija illi agixxew skont l-artikolu ccitat 36(14) tal-KAP 452 illi jghid li min ihaddem ghandu dritt iwaqqaf lil impjegat/a meta taghlaq l-eta tal-irtirar, u hija eccezzjoni ghar-regola li min ihaddem ma jistax jaqbad u jwaqqaf in-nies ghaldaqstant it-Tribunal irid jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' persuna li tkun f'dik l-eta' hix permessibbli f'kwalunkwe cirkostanza jew hija biss permessibbli meta tkun fl-impjieg meta tilhaq dik l-eta. Skont l-interpretazzjoni tal-Fundazzjoni, din il-provvediment tal-ligi hi mmirata biex id-dinja tax-xoghol tkompli tiggenera. Ir-redundancy kienet ir-raguni ghalfejn kellhom jaghmlu cost saving. L-azjenda mhix wahda kummercjali u filwaqt li dan ma jaghtihiex dritt titratta n-nies b'mod illegali, jibqa' l-fatt li wiehed irid jikkonsidra li meta azjenda ta' dan it-tip wasslet biex tnaqqas mill-ispejjez, tara x'ghandha taghmel. Avolja mad-daqqa t'ghajn hemm certu element ta' diskriminazzjoni minhabba l-eta, pero meta wiehed jara r-raguni tal-politika socjali, wiehed jifhem illi din hija accettabbli f'socjeta demokratika ghax hemm referenza fil-ligi stess u allura t-Tribunal m'ghandux jikkonkludi illi kien hemm diskriminazzjoni.

Dr Ian Spiteri Bailey ghar-rikorrenti qal li jekk jaccetta l-argumenti illi la darba wiehed jaghlaq l-eta' pensjonabbli tieghu ghandu naghmel wisa' ghal min gej warajh, huwa verament il-kaz li l-gustifikazzjoni ma treggix fuq fatt wiehed biss, li giet impjegata proprju wara li ghalqet l-eta' pensjonabbli taghha. Il-fatt li r-rikorrenti kienet diga' lahqet l-eta tal-pensjoni u bdiet tgawdi minn pensjoni qabel ma giet impjegata minn dan il-principal huwa proprju l-fatt li jwaqqa' ghal kollox l-argument. Ir-raguni ufficjali li rregistraw it-terminazzjoni tal-impjieg mal-ETC kienet redundancy, ghalkemm xehdu u qalu li kien typing error u li kellu jkun 'reaching pensionable age'. Kien hemm min qal li kien clerical mistake. Bhala stat ta' fatt x'qalu n-naha l-ohra fuq clerical mistake jew le, ufficjalment mal-awtoritajiet kompetenti Irene giet iddikjarata bhala persuna li tilfet l-impjieg taghha a bazi ta' redundancy. Mid-dokumenti esebiti tar-rapprezentant

tal-ETC Joseph Saliba jirrizulta li Irene Desira giet impjegata fil-5 ta' Jannar 2009 bhala Receptionist u l-impjieg taghha gie tterminat fil-15 ta' Marzu 2012. Bl-istess nomenklatura ta' receptionist hemm ghalmenu zewg receptionists ohra bl-isem ta' Miriam Farrugia u Pauline Silvio li t-tnejn dahlu wara Irene Desira. Sad-data illi gewipprezentati dawn id-dokumenti kienu ghadhom fil-kariga ta' receptionist impjegati mas-socjeta' intimata li jfisser li jekk ser jaccettaw ufficjalment li Irene giet itterminata ghal raguni ta' redundancy hemm ksur flagranti tal-principju ta' Last In First Out li n-naha l-ohra ntebbhu biha u ghax intebbhu biha marru jghidu li hadu zball billi qalu l-ghaliex kellha tigi minhabba l-eta' tal-pensjoni u jaghmlu riferenza ghall-artiklu 36(14) tal-KAP 452 li jghid the employer can terminate the employment of an employee when the employee reaches pension age. L-avukat ghar-rikorrenti qal li dan l-artikolu jfisser li meta persuna taghlaq l-eta' tal-pensjoni u l-principal jghidlu se jitterminalu l-impjieg,hu ma jistax ifittxu pero dan ma jistax jigi estiz ghal kaz li meta persuna dahal fl-impjieg u kien diga bil-pensjoni. L-avukat kompla jghid li t-Tribunal Industrijali meta jigi biex jiehu decizjoni jrid jara l-policies vigenti tal-Gvern, u anki fuq skala Ewropeja fejn jitkellmu mhux biss fuq l-integrazzjoni tan-nisa fuq il-post tax-xoghol imma fuq nies li ghalqu l-eta' taghhom li jibqghu jaghtu kontribut fid-dinja tax-xoghol. Fil-fatt Gvernijiet successivi hadu mizuri biex nies ta' certu eta jew li lahqu l-pensjoni jibqghu fid-dinja tax-xoghol, u wahda mill-mizuri kienet illi ma jitilfux il-pensjoni.

Dr Borg Cardona gibed l-attenzjoni tat-Tribunal ghas-sentenza <u>Christinus Harvey vs. British High Commission Malta</u> (16 July 2013) as per Dr Leslie Cuschieri

*"To this Tribunal, the law provides no further security of tenure of employment when an employee reaches his or her retiring age. Obviously, someone who is going to be employed after attaining the retiring age (as in the case in point) one can provide for the security of tenure of employment by positively putting it down in the engagement contract, whereby the contract would prevail. But in cases where no security of tenure is provided for in the contract of employment, such security is not automatic at law with respect to employees who have already attained their age of retirement. Therefore in this particular case, Claimant cannot claim a right of security of tenure from the general provisions of law, and having no such specific provision in his letter of appointment, then his engagement could be terminated at any time. Having said this, the Commission's decision not to call Claimant for work cannot be deemed illegal, and therefore there is no question of reinstatement or compensation. Mr Christinus Harvey's claims are being rejected."*

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL:</u>**

It-Tribunal jinnota li f'dan il-kaz illi r-raguni ufficjali bil-miktub li inghatat lir-rikorrenti ghalfejn tkecciet kienet a bazi ta' redundancy u dan permezz ta' ittra datata 19 ta' Jannar 2012 li inghatat wara laqgha mar-rikorrenti ftit jiem qabel. Fl-istess ittra ukoll issir referenza ghall-perjodu ta' notice illi kellha tahdem ir-rikorrenti. Hekk kif gie ippruvat u ma kienx hemm kontestazzjoni dwar dan il-fatt, anke fl-ETC Form

hemm referenza ghat-terminazzjoni minhabba redundancy. Donnu kien biss li wara li r-rikorrenti bdiet tikkontesta li hija ma kellhiex tkun redundant illi l-Fondazzjoni intebhet illi setghet tuza r-raguni li din kienet ta' eta` ta' pensjoni u li l-ligi taghti l-fakolta` illi persuna lit kun ta' eta` ta' pensjoni tista' titwaqqaf mix-xoghol. Ir-rapprezentanti tal-Fondazzjoni qalu illi r-raguni ta' redundancy inghatat bi zball, clerical mistake. Ir-rikorrenti baghtet ittra legali lill-Fondazzjoni datata 17 ta' April 2012 u permezz ta' risposta datata 25 t'April 2012 ghall-ewwel darba giet formalment sollevata r-raguni li hija kienet lahqet l-eta` ta' pensjoni u ghaldaqstant il-Fondazzjoni kienet qed timxi skont il-ligi. Il-persuni li ghandhom nomenklatura ta' receptionist u dahlu wara r-rikorrenti kienu Miriam Farrugia u Pauline Silvio li t-tnejn kienu impjegati fuq bazi ta' Casual ghaldaqstant jekk kien qed isir ezercizzju ta' cost cutting il-Fondazzjoni kellha l-opportunita li tnaqqas il-hinijiet jew sahansitra lil dawn.

It-Tribunal jinnota li hekk kif gie ccitat mill-Fondazzjoni l-kwistjoni dwar jekk persuna li tasal ghall-eta` tal-irtirar tistax titkecca gie diga deciz minn dan it-Tribunal diversament kompost fil-kaz Christinus Harvey vs. British High Commission Malta nhar is-16 ta' Lulju 2013, liema kaz kien iddecieda li tali tkeccija ma hijiex kontra l-ligi. Din il-kwistjoni giet anke trattata f'numru ta' kawzi quddiem il-Qrati Inglizi kif ukoll quddiem il-Qorti Ewropea fil-kaz *The Queen, on the application of The Incorporated Trustees of the National Council for Ageing (Age Concern England) v Secretary of State for Business, Enterprise and Regulatory Reform* (2009)C-388/07 fejn il-Qorti Ewropea qalet li tkeccija minhabba eta` tal-irtirar tista' tigi ggustifikata *'on the basis of legitimate aims'*.

**DECIZJONI:**

In vista tas-suespost it-Tribunal jiddeciedi illi t-tkeccija a bazi tar-redundancy kienet wahda ingusta li pero` ma kinitx diskriminatorja.

**KUMPENS:**

Wara li ra d-dokumenti kollha prezentati, evalwa x-xhieda u l-fatti tal-kaz, tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz, inkluz l-eta` tar-rikorrenti, t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrenti ghall-ammont ta' elf ewro (€1,000).

**DRITTIJIET:**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(iffirmat)

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju